MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ian Joseph Abdilla)**

**v**

**Brooks (Brooks Espedito) Lia**
**ta' 30 sena, iben Vincent u Angiolina nee Meilak, imwieled Pieta', fid-9 ta' April, 1973 u li joqghod f'Numru 23, Block M, Dusseldorf House, Triq iz-Znuber, San Gwann detentur tal-karta ta' l-identita' 168073(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Brooks Lia li gie akkuzat talli fl-1 ta' Ottubru, 2003 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,
(1) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' Lm 2117.00 ghad-dannu ta' Dr Francis Pace, ta' Maria Assunta Pace u tal-HSBC Bank Malta Ltd,
(2) U aktar talli, fl-istess zmien, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki

foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' Lm 300.00 ghad-dannu ta' Paul Micallef, ta' Frank Delmar u tal-Bank of Valletta plc,
(3) U aktar talli, fl-istess zmien, ikkommetta serq ta' cekkijiet, li jappartjenu lil Dr Francis Pace u maria Assunta Pace, liema serq sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Dr Francis Pace u Maria Assunta Pace u ma jaqbizx l-ghaxar liri Maltin;
(4) U aktar talli, fl-istess zmien, ikkommetta serq ta' cekkijiet li jappartjenu lil Paul Micallef, liema serq sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Paul Micallef u ma jaqbizx l-ghaxar liri Maltin, u dan is-serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa,
(5) U aktar talli fl-istess zmien, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq,
(6) U aktar talli, fl-istess zmien, iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed

jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinnna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jw maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u cioe cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd. li jappartjenu lil Dr Francis Pace u Maria Assunta Pace, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom,

(7) U aktar talli , fl-istess zmien, iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjenu lil Paul Micallef, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom,

(8) U aktar talli, fl-istess zmien ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’fasifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd, li jappartjenu lil Dr Francis Pace u Maria Assunta Pace, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza,

(9) U aktar talli, fl-istess zmien, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’fasifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjenu lil Paul Micallef, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonjijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

U b'hekk Brooks Lia, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u datata 04.02.1998 u b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti, u datati 26.11.1997, 07.07.1998, u 28.7.1999, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula,

Kif ukoll b'hekk Brooks Lia, kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 meta kkommetta reat iehor war li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12.03.2003.

Rat l-ammissjoni tieghu registrata fi zmien bikri ta' dan il-process u cioe fl-ezami ta' l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali ir-rapport ta' Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia, f'liema hemm ir-rakkomandazzjonijiet ghal piena karcerarja.

Issibu hati fuq l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 18, 261, 271, 285, 334, 167, 168, 169, 183, 184, 49, 50 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat ukoll li nonostante li ma semghetx provi hemm akkuzi li huma assorbiti f'akkuzi ohra.

Rat ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitlu 152 u s-sentenza li ghaliha saret referenza fl-akkuza datata 12.03.03.

Dwar il-piena rat ukoll l-artiklu 17 u 31 tal-Kapitlu 9, tqis wara li rat il-fedina penali ta' l-akkuzat u d-diversi sentenzi esebiti illi Brooks Lia ftit gharaf jiehu opportunita' minn dawk l-opportunitajiet lilu moghtija. Ma tistax pero' ma tqisx li llum Lia qieghed jipprova johrog mill-problema tieghu ta' addiction, ghaldaqstant ghar-reati hawn fuq imsemmija barra dak fejn si tratta ta' ksur ta' ordni ta' probation qed tibghatu ghal piena karcerarja ta' ghoxrin xahar.

Dwar l-imsemmi ksur ta' ordni ta' probation, rat is-sentenza esebita bhala Dok H datata 12/3/03 mill-Qorti tal-Magistrati. Rat li fis-sentenza Brooks Espedito Lia gie liberat taht il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 ghal tlett snin taht sorveljanza ta' probation officer. Bla dubju z-zmien ta' tali liberazzjoni kundizzjonata jinkorpora fih iz-zmien li fih gew kommessi r-reati in dizamina, pero' Brooks Lia fl-akkuzi li taghhom ammetta gie addebitat bi ksur ta' l-artikolu 5 tal-Kapitlu 152 (del resto kif jidher fil-fedina penali). Ghalkemm jista' jigi argumentat li l-effetti huma identici cioe ksur ta' probation order hawn qeghdin f'kamp kriminali li jinkorpora mieghu interpretazzjoni cara u restrittiva, ghaldaqstant il-Qorti nonostante l-ammissjoni registrata anke f'dan ir-rigward, mhux se tiehu konjizzjoni ta' tali fatt.

In oltre tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs illi Brooks Lia jingahta kull opportunita' biex ikompli jsegwi kwalunkwe programm opportun kontra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------